MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Numru. 910/2002

PULIZIJA
SPETTUR JASON AGIUS
VS
KENNETH ELLUL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kenneth Ellul, ta’ 28 sena, bin Joseph Mary u Iris nee’ Caruana, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Settembru 1974 u residenti 103A, Triq tal-Borg, Paola, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 444374(M); kif ukoll Rene’ Mifsud, ta’ 19-il sena, bin Annetto u Rose nee’ Delia, imwieled Pieta’ fil-25 t’Ottubru 1983 u residenti 19, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 539983(M);

U akkuzati talli fit-30 t’Ottubru 2002, f’xi hin bejn 3.45am u 4.30am gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja, ikkommettew serq ta’ flus ghad-dannu tal-kumpanija A.T.

Catering Company Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-hin.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Lil Kenneth Ellul wahdu akkuzat:
Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Mejju 2001 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, u fit-13 ta' Mejju 2002 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn.

U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Novembru 1994, fis-16 ta' Dicembru 1994, fit-8 ta' Mejju 1998 u fl-4 ta' Frar 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 25) u tal-imputati (a fol 26 u 27) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta kontra l-ko imputat Rene' Mifsud tat-2 ta' Frar 2004 (a fol 86-88 tal-process) li fiha l-imputat gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin u jhallas ghaxar liri Maltin (LM10.00) lis-socjeta kwerelanti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Jason Agius, a fol 69 et seq tal-process, jirrizulta illi l-Pulizija gew infurmati mill-Bombardier Paul Mifsud mill-Armata ta' Malta, illi zewg 'cleaners' li kienu jahdmu ma' Mr Clean Contractors, u

dettaljati biex jahdmu l-Ajruport ta' Malta, cioe' l-imputati, u flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, bdew jagixxu b'mod suspettuz fil-vicinanza tal-hanut tal-kafe' bl-isem Flight Bite. Il-Pulizija accedew fuq il-post u sar maghruf illi bejn is-saghtejn u s-sebgha ta' filghodu ta' l-istess jum, insterqu l-flus kollha mill-'cash register' ta' dan il-hanut. Fil-'cash register' kien hemm approssimament ta' hamsin Lira Maltin (Lm50).

L-imputati gew interrogati u twettqet tfitxija fuq il-persuna ta' l-istess imputati, u fil-pussess ta' Kenneth Ellul instabet karta wahda ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10), waqt illi fuq il-persuna ta' Rene' Mifsud instabu tlett karti ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) u disa' muniti ta' Lira Maltija (Lm1) fuq il-persuna tieghu. Irid jinghad illi mill-'cash register' instab nieqes erbghin Lira Maltin (Lm40) f'erba' karti ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10), u ammont ta' disa' muniti ta' Lira Maltija (Lm1), karta ta' hames (5) euros, u zewg karti ta' dollara-il wiehed Amerikan.

Il-Pulizija mbaghad esebew ic-CCTV recording mill-Control Room ta' l-MIA, fejn il-movimenti ta' Rene' Mifsud u l-imputat Kenneth Ellul, flimkien mat-terza persuna mhux maghrufa, huma dettaljati hafna, tant illi **dan il-'video recording' juri wkoll liz-zewg imputati mat-terza persuna qed jaqsmu l-flus u jinfirdu.** Dan il-'video recording' gie esebit u mmarkat bhala dokument JAB1 u JAB2.

Irid jinghad illi l-imputat Rene' Mifsud ammetta ghall-akkuzi kif dedotti, u gie sentenzjat.

PS 1361 Raymond Busuttil, xehed illi huwa kellem lill-imputati, u li dawn ammettew illi kien dahal Rene' Mifsud u ha l-flus u li huma qasmuhom bejniethom, u li kien hemm terza persuna li filfatt kienet qasmet maghhom. Qalulu li ddispjacihom ta' l-eghmil taghhom, u l-flus gew ritornati lill-Pulizija.

Paul Mifsud, Bombardier mal-Forzi Armati ta' Malta, ikkonferma illi huwa kien qed josserva l-movimenti ta' l-imputati fit-30 t'Ottubru 2002, movimenti li kienu jidhru

suspettuzi. Mifsud gharaf lill-imputati prezenti fl-awla bhala l-istess imputati li kien qed josserva mic-CCTV cameras, u xehed fid-dettal dwar il-movimenti taghhom f'dan l-incident. Illi minn hemmhekk, huwa nforma lil certu Sonia li kienet tiehu hsieb din il-cafeteria bl-isem Flight Bite, u din ikkonfermat illi kienu ttiehdu l-flus mill-'cash register', u mill-ewwel gew infurmati l-Pulizija.

Gew esebiti sentenzi fil-konfront ta' Kenneth Ellul, a fol 45 et seq, a fol 48 et seq, a fol 54 et seq a fol 90, u a fol 109. Ix-xhieda ta' l-identita' saret skond il-ligi.

Illi minkejja l-fatt illi Rene' Mifsud ta t-testimonianza tieghu fit-tul (ara fol 92-102), u minkejja l-fatt illi huwa ammetta, ix-xhieda tieghu ma tistax tigi adebita lill-ko imputat Kenneth Ellul.

Vincent Farrugia esebixxa u kkonferma ic-CCTV tapes tas-serqa koncernata, dawn gew immarkati bhala dok JAV1 u JAV2.

Paul Sammut, a fol 121 et seq, Manager tal-Cafeteria Flight Bite, fl-Ajruport ta' Malta, xehed illi dakinhar ta' l-incident, il-'cash register' kien jikkontjeni s-somma ta' erbghin Lira Maltin (Lm40) f'erba' karti ta' l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), u li kien hemm ftit muniti zghar, li b'kollox kien hemm disa' u hamsin Lira Maltin (Lm59).

John Buttigieg, direttur ta' AT Catering Ltd ikkonferma s-serq mill- Cafeterija tieghu

PC 164 Louis Borg ikkonferma r-rapport li sar minghand il-Bombardier Paul Mifsud dwar is-serq mill-Cafeteria MIA. Ikkonferma li kien fil-prezenza ta' PS 1361, u li bdew ikellmu lill-imputati u **li dawn ammettew l-involviment taghhom f'din is-serqa u li filfatt taw il-flus lura lill-Pulizija.**

Mix-xhieda ta' John Buttigieg, a fol 145, dan jerga' jtenni t-testimonjanza tieghu, u cioe' illi fil-'cash' huma dejjem ihallu mitt Lira Maltin (Lm100) u illi f'din is-serqa kienu

ttiehdu disa' u hamsin Lira Maltin (Lm59) u filfatt thallew wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm41).

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz in ezami il-provi dwar is-serqa mill-cafeterija msemmija fl-akkuza huma sgiaccanti stante illi ad insaputa tal-imputati, kollox kien qed jigi rrekordjat permezz ta' CCTV camera, liema videos gew ezebiti bhala JAV1 u JAV2.

L-imputat Mifsud ammetta u gie lliberat li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u x-xhieda tal-ko-akkuzat Mifsud ma tistax tigi konsiderata favur il-ko-imputat Ellul. L-imputat Ellul, fl-istqarrija tieghu (fol. 23)u d-difiza waqt it-trattazzjoni jsostni illi huwa ma kienx jaf, u b'ebda mod ma ftiehem ma l-ohrajn biex titwettaq is-serqa koncernata.

Izda fl-istqarrija ta' Ellul, precizament a fol 24, l-imputat stqarr is-segwenti: "jiena ma kontx naf illi R. Mifsud kien ser jidhol gewwa dan il-'coffee shop' sabiex jiehu l-flus **imma kif rajtu diehel mill-bieb ta' wara, jiena ssoponejt li kien ser jiehu xi haga minn hemm gew"** (ara fol 24).

Ikkunsidrat:

Illi mill-istqarrija tieghu stess, l-imputat Kenneth Ellul jammetti illi ssopona illi Mifsud kien dahal fil-cafeterija biex jisraq. Illi c-CCTV recordings JV1 u JV2 juri agir suspettuz ghall-ahhar tal-imputati u l-imputat instab b'ghaxar liri Maltin (LM10) fuqu – frott ta' serqa indikata fic-citazzjoni;

Illi tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ssib id-dikjarazzjoni tal-imputat, li f'nifs wiehed jghid li ma sarx ftehim biex titwettaq is-serqa u f'nifs iehor jammetti li ssopona li Mifsud dahal biex jisraq **u mbaghad jaccetta ghaxar liri Maltin (LM10) minghandu immedjatament wara,** bhala pretizi puereli fi sforz li jahbi ghemilu.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputat Ellul hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 261, 268, 270, 281(a)(b), Artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 49,50 u Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltija (LM250). Din il-piena giet akkordata mehud in konsiderazzjoni illi l-kwantum tas-serqa kien ta' anqas minn hamsa u disghin lira Maltin (LM59) u li s-sehem tal-imputat kien ta' ghaxar liri Maltin (LM10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------